**11 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Sant

## Prova tal-valur - Korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku

*Meta oġġett ma jinstabx, dan ma jfissirx li ma tistax issir stima tiegħu. Sid l-oġġett jista' per eżempju jagħti l-prezz li bih kien xtrah, kemm kien ilu li xtrah u f'liema kundizzjoni kien l-oġġett meta nsteraq u mbagħad ikun jispetta għall-ġudikant li jiġbed il-konklużjoni tiegħu dwar il-valur ta' dak l-oġġett. Jekk il-ġudikant ma jħossux kompetenti biżżejjed biex jiġbed tali konklużjoni (għax "tkun tenħtieġ ħila jew sengħa speċjali", artikolu 650 (1) tal-Kodiċi Kriminali) stima tal-valur tista' tingħata ukoll minn perit*

*innominat fuq il-bażi ta' l-imsemmija indikazzjonijiet mogħtija lilu mis-sid.*

*Għall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, l-offerta ta' flus, żgħir kemm hu żgħir l-ammont, fiha dejjem il-potenzjalita' tal-korruzzjoni, kemm-il darba tali offerta tkun saret bis-serjeta' u ċjoe' bil-ħsieb li dik l-offerta tiġi aċċettata. Infatti d-delitt jiġi kommess mill-uffiċjal pubbliku appena huwa jaċċetta l-offerta, indipendentement mill-fatt jekk in segwitu hu jagħmilx dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel jew jonqos milli jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu i jagħmel.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Carmelo Sant talli (1) f'xi ħin ta' bejn il-ġranet ta' l-20 ta' Diċembru, 1995 u s-27 ta' Diċembru, 1995, minn binja ta' *garages* li tinsab sitwata fil-limiti ta' Ħal Qormi u li għandha xi uħud minnhom li jagħtu għal fuq Triq in-Nassab, Ħal Qormi, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti relatati ma' xogħol ta' kostruzzjoni liema valur ta' l-oġġetti misruqa jaqbeż l-elf lira (Lm1,000), liema serq sar a dannu u kontra l-volonta' ta' Joe Bellia minn Naxxar, b'dan li s-serq kien ikkwalifikat bil-mezz, valur, persuna u ħin; (2) talli f'Ħaż Żabbar u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar id-9 ta' Frar, 1996 u f'dati immedjatament wara din id-data, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt u ċjoe' tentattiv ta' korruzzjoni ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, f'dan il-każ PS 836 A. Taliana, billi in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu ma jistax jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħdiet jew offerti ta' xi rigal fi flus jew f'utili ieħor jew ta' xi vantaġġ ieħor li għalihom m'għandux jedd u dan billi wiegħed lill-imsemmi surġent is-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) u dan sabiex l-imsemmi uffiċjal jonqos li jagħmeldak li hu fid-dmir

tiegħu li jagħmel, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; (3) u aktar talli fl-istess ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti, inġurja jew hedded persuna inkarigata mil-liġi u minn servizz pubbliku u ċjoe' lill-Ispettur Mario Bonnici, lis-Surġent Taliana u lill-Kuntistabbli 805 J. Galea, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; (4) talli nhar l-10 ta' Frar, 1996, fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva u ċjoe' lill-Ispettur Mario Bonnici, reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq xi traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar; (5) fl-istess ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti, bil-ħsieb li jtellef jew li jnaqqas fil-ġieh ta' xi ħadd u ċjoe' tas-Surġent Taliana, tal-Kuntistabbli Galea u tal-pulizija in ġenerali, weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor; (6) u aktar talli fix-xahar ta' Diċembru, 1995, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex biegħhom jew imexxihom, b'dan li l-affarijiet kienu misruqa u kienu jiswew aktar minn elf lira; (7) u aktar, talli fl-10 ta' Frar, 1996, fil-presenza ta' l-Ispettur Mario Bonnici u tas-Surġent Taliana, inġurja jew hedded lil Pawlu Cutajar magħruf bħala z-Zalzettu, liema persuna huwa ukoll xhud tal-prosekuzzjoni f'dan il-każ; (8) u fl-aħħarnett talli fis-17 ta' Jannar, 1996, bil-ħsieb li jikkawża ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Sammut wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dana d-delitt billi ttanta jhebb għall-istess Joseph Sammut b'turnavit, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta' Marzu, 1997, li biha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Carmelo

Sant mill-imputazzjoni numru sitta (dik ta' riċettazzjoni), iżda sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu għal piena ta' tliet (3) snin priġunerija u ordnat li l-perijodu li huwa għamel taħt arrest preventiv jitnaqqas mill-piena karċerarja fuqu imposta;

Rat it-talba ta' l-istess Carmelo Sant magħmulha quddiem il-Qorti Inferjuri, għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza msemmija, liema talba ntlaqgħet taħt garanzija personali ta' ħames mitt lira (fol. 187, 188); rat ukoll ir-rikors ta' appell tiegħu ppreżentat fis-7 ta' April, 1997 li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant għandu erba' aggravji li ser jiġu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu, bażikament, fis-sens li ma ġiex ippruvat li l-oġġetti misruqa kienu jiswew aktar minn elf lira. Din il-Qorti ser tilqa' dana l-aggravju. L-oġġetti misruqa u li in segwitu ġew misjuba ad eċċezzjoni tal-*jigger* ta' l-elettriku u tal-pompa ta' l-ilma, ġew stmati mill-perit innominat mill-Qorti fis-somma ta' Lm784. Issa, għalkemm huwa veru li x'aktarx li *jigger* ta' l-elettriku u pompa ta' l-ilma jiswew bejniethom aktar minn mitejn u sittax-il lira, f'dan il-każ ma jistax jingħad li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubbju ddettat mir-raġuni li dawn iż-żewġ oġġetti effettivament kienu jiswew daqshekk (b'mod li għalhekk il-valur komplessiv ikun jeċċedi l-elf lira). Il-perit, li għamel l-istima ta' l-oġġetti misjuba, korrettement osserva li ma setax jagħmel stima ta' dawn iż-żewġ oġġetti (fol. 156). Dan ma jfissirx, naturalment, li għax oġġett ma jinstabx, ma tistax issir stima tiegħu. Sid l-oġġett jista', per eżempju, jagħti l-prezz li bih kien xtrah, kemm kienu ilu li xtrah, u f'liema kundizzjoni kien l-oġġetta meta nsteraq u mbagħad ikun jispetta għal'-

ġudikant li jiġbed il-konklużjoni tiegħu dwar il-valur ta' dak l-oġġett. Jekk il-ġudikant ma jħossux kompetenti biżżejjed biex jiġbed tali konklużjoni (għax "tkun tenħtieġ ħila jew sengħa speċjali, artikolu 650 (1), Kap. 9) stima tal-valur tista' tingħata ukoll minn perit innominat fuq il-bażi ta' l-imsemmija indikazzjonijiet mogħtija lilu mis-sid. Fil-każ in diżamina ma hemm ebda indikazzjoni ta' l-għamla, saħħa ossia daqs jew stat ta' dawn iż-żewġ oġġetti - il-*jigger* u l-pompa; addirittura lanqas hemm indikazzjoni ċara li dawn kienu jiffunzjonaw, ċjoe' li kienu *in working order* meta nsterqu. Il-perit innominat, William Cassar Torreggiani, ma ngħatax dettalji dwar dawn iż-żewġ oġġetti b'mod li jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu. Il-fatt li l-appellant jgħid, fl-istqarrija li huwa għamel lill-pulizija, li biegħ dawn iż-żewġ oġġetti għall-prezz komplessiv ta' mitt lira mhix ċirkostanza li a bażi tagħha l-ġudikant seta' raġonevolment jgħid li dawn iż-żewġ oġġeti kienu għall-finijiet ta' l-artikolu 335 tal-Kodiċi Kriminali, jiswew aktar minn mitejn u sittax-il lira b'mod li l-valur ta' l-oġġetti misruqa kien komplessivament ta' aktar minn elf lira;

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku. L-appellant jgħid li hu qatt ma offra seba' liri lis-Surġent Taliana biex dan iħallieh jaħrab u li l-offerta ta' elfejn lira, ukoll biex iħallieh jaħrab ma setgħetx fiċ-ċirkostanzi tal-każ tittieħed bis-serjeta' peress li kien evidenti li hu ma kellux dawk il-mezzi. Fi kliem ieħor, l-appellant jippretendi li kien hemm l-inidoneita' tal-mezz. Din il-Qorti ma taqbilx. Aparti li hi sodisfatta li hu offra mhux biss l-elfejn lira lis-Surġent iżda ukoll, f'okkażjoni preċedenti, seba' liri, l-offerta ta' flus, żgħir kemm hu żgħir l-ammont, fiha dejjem il-potenzjalita' tal-korruzzjoni, kemm-il darba tali offerta tkun saret bis-serjeta' u ċjoe' bil-ħsieb li dik l-offerta tiġi aċċettata. Infatti d-elitt jiġi kommess mill-uffiċjal pubbliku appena huwa jaċċetta l-offerta indipenentement mill-fatt jekk in segwitu hu jagħmilx dak li kien fid-dmir tiegħu li

jagħmel jew jonqosx milli jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel (artikolu 115). Bl-offerta tiegħu l-appellant kien qed iħajjar lill-uffiċjal pubbliku li jaċċetta dik l-offerta u f'dik l-offerta din il-Qorti ma tara ebda inidoneita` assoluta kif donnu qed jippretendi l-appellant. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi respint;

L-appellant jilmenta ukoll dwar li hu nstab ħati ħażin ta' tentattiv ta' offiża gravi. L-appellant hawnhekk ukoll għandu raġun. Mill-fatti kif jemerġu mill-provi, inklużi mid-deposizzjonijiet ta' Paul Cutajar, Anthony Bonello u Joseph Sammut, jirriżulta li l-appellant impunja tornavit u mar biex jagredixxi lill-imsemmi Sammut. Pero` ma hemm ebda prova li tindika mingħajr dubbju ddettat mir-raġuni li hu ried, jew kellu l-ħsieb li juża dak it-tornavit fuq il-persuna ta' Sammut. Ir-reat li jiddelinea ruħu huwa għalhekk dak kontravvenzjonali kkontemplat fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 339 (1) tal-Kap. 9 u ċjoe` ir-reat ta' min:

"iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna ... kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi";

Fl-aħħarnett l-appellant jilmenta dwar il-piena li jgħid li għandha tiġi ridotta u li addirittura l-piena ta' priġunerija għandha tiġi sospiża.

Din il-Qorti pero` hi tal-fehma li għandha tagħmel biss xi aġġustamenti fil-piena in vista ta' dak hawn aktar 'il fuq deċiż;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati skond l-imputazzjoni numru tmienja (8) u minflok issibu ħati tal-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu

339 (1) (d) tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe` talli hebb kontra Joseph Sammut sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmillu ħsara, tħassaraha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' tliet snin priġunerija bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv u minflok tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' sentejn (2) u tmien (8) xhur priġunerija li minnha għandu jitnaqqas kwalsiasi perijodu ta' arrest preventiv li huwa għamel in konnessjoni ma' dan il-każ minn meta tressaq b'arrest fit-13 ta' Frar, 1996 sal-ġurnata li fiha ngħatat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti (i.e. 24 ta' Marzu, 1997); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan pero` li għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni l-valur ta' l-oġġetti misruqa qed jiġi ddikjarat li kien jeċċedi l-mitt lira iżda mhux l-elf lira.